KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Wieħed u Għoxrin (21)***

***It-Tlieta, 14 ta' Lulju, 2020***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**21.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

21.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apologiji.

**21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

21.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 20 li nzammet nhar it-Tlieta , 16 ta' Ġunju, 2020.

21.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 20 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

21.2.3 **Mozzjoni 21-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 20.
Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius
Il-Minuti Numru 20 gew approvati unanimament.

**21.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 21 (08) – Lulju 2020***

21.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 21(08) biċ-ċekkijiet numru 7070 sa 7093 li tammonta €16,472.09

21.3.2 **Mozzjoni 21-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 21(08) bl-ammont ta' €16,472.09
Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt
L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 21(08) giet approvata unanimament.

**21.4 Skema dwar il-Promozzjoni tal-harsien tal-annimali**

21.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fethet id-diskussjoni dwar din il-materja, fejn qalet li hemm skema LCcare dwar il-promozzjoni tal-harsien tal-annimali fejn il-Kunsill irid jipproponi progett sa massimu ta' €8000.

21.4.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli pproponiet li tinxtara magna li tirricikla l-plastik f'ikel ghall-annimali. Ressqet kwotazzjoni ta' madwar €2740 sabiex tinxtara din il-magna minn barra minn Malta.

21.4.3 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jipproponi li tinxtara l-magna li tirricikla l-plastik, jinxtara xi ikel ghall-annimali, servizz ta' vet f'kazijiet ta' emergenza, jitwahhlu xi dog bins u jsiru cat shelters.

21.4.4 Fil-jiem li gejjin, il-Kunsill se jkun qieghed ukoll johrog avviz

21.4.5 Is-Sindku Darren Abela qal li hu ma jaqbilx li l-qtates m'ghandhom jinghataw ikel fit-triq.

**21.5 <u>Korrispondenza</u>**

*F'dan l-istadju tal-laqgha attenda is-Sur Warren Muscat, l-organizzatur tal-Carnival Fun Run.*

21.5.1 Is-Sur Muscat ressaq talba lill-Kunsill Lokali sabiex jekk il-Kunsill ghandu xi propjeta li tista tigi mislufa lill-Agones Club sabiex fiha jaghmlu ufficcju. Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-ufficcju jista' jsir fit-turretta, izda jrid isir ix-xoghol tar-restawr. Huwa talab lill-Agones sabiex fl-isem taghhom tissemma l-lokalita' taghna. Il-Kunsillier Andreas Gatt qal li se jkun qieghed jara jekk in-Nursery tistax toffri kamra. Ghaldaqstant il-Kunsill se jkun qieghed jikkuntatja lis-Sur Muscat f'kaz li jkun hemm risposta pozittiva.

21.5.2 Tressqet korrispondenza minghand ir-Regjun dwar jekk il-Kunsill hux interessat li jkun parti minn sejha pubblika fuq bazi Regjonali ghall-kuntratt ta' Manutenzjoni tad-dawl fit-toroq. Il-Kunsill approva.

21.5.3 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li se tkun qed tigi addottata sistema fejn il-pagamenti jibdew isiru *online.* Dan minhabba li l-BOV se jibda jzomm *charges* fuq il-hrug ta' cekkijiet. Sabiex isir dan is-Sindku ghandu bzonn ikollu *24x7 key* ukoll sabiex il-hlasijiet jkunu jistghu jigu approvati kemm mis-Segretarju Ezekuttiv u anki mis-Sindku. Ma din ukoll se tizdied 24x7 key ohra ghall-istaff sabiex it-transazzjonijiet ikunu jistghu isiru u wara jigu approvati kemm mis-Sindku u kemm mis-Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsill japprova unanimament li jsir dan.

21.5.4 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat ukoll li minhabba mizuri godda li gew addottati mill-BOV fejn qeghdin jirrifjutaw li jigu depozitati l-muniti, ghalissa bhala hlasijiet qed isiru biss *online* jew permezz ta' cekkijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet ukoll li bdiet il-process mal-Bank sabiex jiddahhlu ukoll l-*EPOS machines* biex il-pubbliku ikun jista' jaghmel il-hlasijiet permezz tal-*cards.* Il-Kunsillier Keith Fenech qal li ma jaqbilx li l-Kunsill qed jirrifjuta li jsiru hlasijiet permezz ta' muniti u ghaldaqstant ghandhom jigu addottati sistemi differenti sabiex il-pubbliku dejjem jigi moqdi. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li din is-sistema ghalissa qed tithaddem minhabba li l-Kunsilli ghadhom ma rcevew l-ebda direzzjoni dwar kif l-ahjar li jimxu fir-rigward u ghaldaqstant ser issir laqgha ta'

informazzjoni dwar dan u wara jkunu jistghu jigu introdotti sistemi godda ta' kif il-pubbliku jkun jista' jinqeda kemm jekk se jhallas *cash*, *cheque* jew anki bl-*EPOS*.

21.5.5 Tressqet kwotazzjoni sabiex isir il-*printing* tal-flokkijiet ghan-*nursery*. L-istima hija ta' Eur360 + VAT. Il-Kunsill approva.

21.5.6 Rigward Mizura 4 tal-GAL Xlokk, is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li sabiex tigi sottomessa l-applikazzjoni ghandna bzonn BOQ u method statement li dawn qed isiru mill-Perit tar-Regjun Konsultattiv tan-Nofsinhar ta' Malta bhal ma gie maqbul ghall-progett tal-*campsite*.

21.5.7 Tressqet kwotazzjoni sabiex issir app sabiex jigu rrapurtati l-ilmenti tan-nies. L-istima hija ta' €4200 minghajr VAT, kif ukoll Maintenance agreement ta' €1600 fis-sena. Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju jara d-demo tal-applikazzjoni u d-decizjoni tittiehed fil-laqghat li jmiss.

*F'dan l-istadju tal-laqgha il-Kunsillier Keith Fenech gie skuzat (fit-8pm)*

**21.6 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

21.6.1 Is-Sindku Darren Abela qal li m'ghandux komunikazzjonijiet urgenti u ghaldaqstant se jressaq kollox fil-laqgha li jmiss.

**21.7 <u>Mistoqsijiet u Twegibiet tal-Kunsillieri</u>**

21.7.1 Il-Kunsilliera Rose Agius staqsiet dwar jekk hemmx il-hsieb li triq rurali (fejn gejja l-iskola f'Dawret Hal Ghaxaq) hiex se ssir bil-konkos. Is-Sindku Darren Abela qal li se ssir biss mill-farmhouse li hemm fit-triq sa Bir id-Deheb.

21.7.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli staqsiet dwa jekk inghatajniex risposta fuq il-lights tal-Bypass. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li intbghatu diversi emails izda ma kienx hemm risposta pozittiva. Ghaldaqstant se tkun qed tghaddi l-korrispondenza li ntbaghtet lill-Kunsilliera.

21.7.3 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li l-kurduna li qed issir fil-Bypass trid tidhol iktar 'l gewwa.

21.7.4 Il-Kunsillier Andreas Gatt staqsa dwar il-ftuh tal-bandli. Is-Sindku Darren Abela qal li qed jikkomunika mal-Enemed biex tinstab data konvenjenti.

21.7.5 Il-Kunsillier Andreas Gatt qal li se jkun qed jiccekja ghall-kwotazzjonijiet sabiex isir it-tindif wara l-ground.

21.7.6 Il-Kunsillier Andreas Gatt tkellem dwar il-Merhba Signs fejn ppropona ghandhom jigu ddisinjati u titressaq kwotazzjoni fil-laqghat li jmiss.

21.7.7 Il-Kunsillier Andreas Gatt qal li hemm persuna li tixtieq taghmel Christmas tree kbira bid-drapp. Qed titlob lill-Kunsill sabiex issir struttura tal-hadid ghaliha. Il-Kunsill qabel li jgib kwotazzonijiet ghaliha.

21.7.8 Il-Kunsillier Andreas Gatt ppropona li ssir prezentazzjoni lit-tfal tas-*Summer School* u lejla ghat-tfal issir fil-Pjazza. Huwa ppropona li l-Kunsill igib *bouncing castle* u xi *face painting*. Il-Kunsill approva.

**21.8 <u>Mozzjonijiet</u>**

21.8.1 Annessi mal-Minuti

**21.9 <u>Tmiem tal-laqgha u d-data tas-seduta li jmiss</u>**

21.9.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal 11 ta' Awwissu 2020 fil-5.30pm

Il-Laqgha ntemmet fid-9.00pm

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 21**

**Mozzjoni Ref:** 21-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 20

| | |
|---|---|
| **Andreas Gatt** | **Rose Agius** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 14 ta' Lulju 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 21**

**Mozzjoni Ref:** 21-02

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-Iskeda ta' Pagamenti Numru 21

______________________

**Christine Dalli**
**Proponent**

______________________

**Andreas Gatt**
**Sekondant**

**Data:** 14 ta' Lulju 2020

______________________

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**